A.L. 49 ta' l-1991

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI ("STOCK" U TITOLI REĠISTRATI) KAP. 161

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi, għall-Ħruġ ta' Lm2,000,000 3% obbligazzjonijiet f'isem il-portatur 1996

IT-TIENI ĦRUĠ

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(1)(b) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati) Kap. 161, il-Ministru tal-Finanzi awtorizza l-ħruġ ta' Lm2,000,000 3% obbligazzjonijiet f'isem il-portatur 1996, (it-Tieni Ħruġ) kif ġej:—

Mod tal-ħruġ ta' l-obbligazzjonijiet.

1. L-obbligazzjonijiet jinħarġu f'multipli ta' Lm500 bil-prezz ta' Lm100 fil-mija. Xiri ta' obbligazzjonijiet jista' jsir mid-9.00 a.m. ta' nhar it-Tnejn 29 ta' April, 1991 sa nofs-in-nhar ta' nhar is-Sibt, 11 ta' Mejju, 1991 jew qabel fid-diskrezzjoni ta' l-*Accountant General*.

Somma ta' flus li għandha tingħabar

2. Is-somma ta' flus li għandha tingħabar bl-obbligazzjonijiet f'isem il-portatur tkun ta' Lm2,000,000.

Rata ta' imgħax u dati tal-ħlas.

3. L-imgħax għandu jitħallas b'lura kull sena fil-11 ta' Mejju ta' kull sena matul il-kors ta' l-obbligazzjoni. L-ewwel ħlas ta' Lm3.00,0 kull Lm100 l-obbligazzjoni relattivament għall-perijodu bejn it-12 ta' Mejju, 1991 u l-11 ta' Mejju, 1992, għandu jsir fit-11 ta' Mejju, 1992.

Rata ta' kontribuzzjoni għall-ammortizzament.

4. Approprjazzjoni kull sitt xhur ta' mhux anqas minn Lm20,000 mid-dħul ġenerali u mill-attiv tal-Gvern ta' Malta għandha ssir bħala kontribuzzjoni għall-fond ta' ammortizzament sabiex jifdi l-obbligazzjonijiet. L-ewwel kontribuzzjoni għandha ssir fi żmien tlett snin mit-12 ta' Mejju, 1991.

Fidwa ta' obbligazzjonijiet.

5. L-obbligazzjonijiet għandhom jiġu mifdija b'parita' fil-11 ta' Mejju, 1996 kif stabbilit mill-*Accountant General* u avżat fil-Gazzetta. L-obbligazzjonijiet jitħallsu biss mal-konsenja taċ-ċertifikat ta' l-obbligazzjoni maħruġa.